MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 62/2002

**CITAZZJONI NUMRU 62/2002**

**Rausi Insurance Agency Limtied**

**-vs-**

**Charles sive Carmel u rose Mary konjugi Galea**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici fejn ippremettiet illi

1. l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' hamest elef mija u sebgha u ghoxrin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm5,127.87) rapprezentanti bilanc ta' premia dovuti mill-konvenut sax-xahar ta' April 2002, kif minnu stess rrikonoxxut, tant illi fis-27 ta' April 2002 huwa hareg cheque tal-HSBC Bank Malta plc numru 000039 ghall-Lm5,127.87, liema cheque ma setax

jissarraf minhabba illi l-konvenut ma kellux fondi fil-kont bankarju tieghu, peress illi l-konvenut ex admissis, irtira l-fondi relattivi mill-kont bankarju tieghu u ghalhekk ic-cheque gie “referred to drawer”.

2. illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta’ attrici l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza ai termini ta’ l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Talbet li din il-Qorti:

1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini ta’ l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;
2. tikkudannahom ihalsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef mija u sebgha u ghoxrin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm5,127.87) dovuta lis-socjeta’ attrici - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

B’riserva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra u bl-imghax legali kalkolabbli mis-27 ta’ April 2002 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament mahlufa flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti.

Rat l-affidavit guramentata ta’ Jovin Rausi annessa mac-citazzjoni.

Rat il-verbal taghha tal-5 ta’ Settembru 2002 fejn il-konvenut gie ammess jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet fejn gie eccepit:

1. illi m’huwiex minnu dak li hemm allegat fic-citazzjoni illi l-konvenuti rrikonoxxew rwiehhom li huma debituri fis-somma indikata fic-citazzjoni. Ic-cheque gie rilaxxjat bil-kundizzjoni esperessa li l-konvenuti jivverifikaw

il-poloz u jassiguraw rwiehhom li ma kien hemm l-ebda irregolarita, liema rregolarita rrizultat wara li l-konvenuti vverifikaw it-transazzjonijiet kollha li kienu saru bejnhomu bejn is-socjeta' attrici.

2. Illi ghalhekk jehtieg li l-istess socjeta' attrici taghti l-ewwel taghti rendikont shih u dettaljat ta' l-ammont kollhu minnha pretiz peress illi hemm diskrepanza serja bejn il-poloz ta' l-assikurazzjonijiet mahruga u dak li kien realment dovut u ghaldaqstant anke f'dan ir-rigward ic-citazzjoni odjerna hija intempestiva;

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub gie depositat fir-Registru ta' dina l-Onorabbli Qorti, liema ammont seta' liberament jigi rilaxxjat lis-socjeta' attrici bil-kundizzjoni pero' li s-socjeta' attrici taghti rendikont shih u dettaljat tat-transazzjonijiet li saru u tal-poloz li hargu u li ma thallsux, rendikont li sal-lum, l-istess socjeta' ghandha ma tatx lill-konvenuti, li ghalhekk m'ghandhom ibatu l-ebda spejjez ta' dina l-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-5 ta' Novembru 2002 u l-verbali sussegwenti;

Ezaminat ix-xhieda li nstemghet quddiem l-Assistant Gudizzjarju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti li ma kellhomx aktar provi;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Il-pretensjonijiet tas-socjeta'  attrici jibbazaw fuq rendikont esebit folio 16 et seq.  Fih hemm elenkat l-ammont tal-premium ta' assikurazzjoni li kien dovut minn kull persuna individwalment hemm indikata lis-socjeta' attrici.

Illi mill-provi in atti jemergi s-segwenti kwadru tal-fatti:

-  li l-konvenut kien sub-agent tas-socjeta' attrici, agenta tal-assikurazzjoni, u kien jagixxi ghan-nom taghha fit-territorju ta' Ghawdex; dan ghall-perjodu ta' cirka sentejn minn April 2000;

-  li r-rendikont fuq riferit jirraprezenta ammont tal-premia ta' kull assikurat hemm imsemmi li s-socjeta' attrici kienet accettat li tohrog favur tieghu polza ta' assikurazzjoni u li l-gbir ta' premia kien fost ir-responsabbiltajiet tal-konvenut, li kellu jigbru u jghaddih lis-socjeta' attrici;

-  li s-sistema adoperata tidher li kienet li l-konvenut kien jinghata mis-socjeta' attrici certifikati tal-assikurazzjoni in bjank u hu kien jimlihom mal-klijent u jghaddihom lis-socjeta' attrici fejn kienu jigu registrati fil-'computer'. Il-konvenut minn naha tieghu kien izomm notamenti fuq pitazz;

-  li  f'xi zmien inqala' intopp billi kien hemm xi certifikati minn dawk precedentement moghtija in bjank li kienu 'unaccounted' fis-sens li ma kienux intraccati.  Kien fil-bidu ssemma li kienu hamsa u tletin izda finalment irrizultaw fin-numru ta' erbgha;

Illi l-kontenzjonijiet tal-konvenut jistghu jigu raggruppati fis-segwenti:

-  li fil-lista (rendikont) hemm inkluz hlas ta' dawn ic-certifikati "unaccounted" jew uhud minnhom;

-  li bhala certifikati neqsin kien hemm biss erbgha;

-  li ma nghatax zmien biex jaghmel il-verifiki tieghu;

- li kien assuma li Lm1600 mill-ammont ta’ Lm5127 ma kienx dovut in kwantu riferibbli ghall-istess certifikati “unaccounted”;

- li kienu dovuti lilu xi ammonti relattivament poloz ta’ assikurazzjoni mahruga fuq muturi u dan a bazi ta’ arrangament mas-socjeta’ attrici.

Illi da parti taghha s-socjeta’ attrici ssostni:

- li l-operazzjoni tinhadem billi jinghataw c-certifikati tal-insurance in bjank lill-agent taghha, li jkunu enumerati. Dan ic-certifikat jimtela (f’dan il-kaz mill-konvenut) fejn jinghata lill-klijent l-insurance u dan ihallas. L-agent jaghti l-original lill-principal (f’dan il-kaz lis-socjeta’ attrici) b’indikazzjoni tal-hlas. Sussegwentement u wara li jkunu saru l-opportuni verifiki tinhareg mis-socjeta’ lill-agent fattura li tigbor numru ta’ certifikati. Hawnhekk, l-agent ihallas l-premia li jkun gabar fuq dawk ic-certifikati nieqes il-kommissjoni tieghu;

- li l-fattura tinhareg ghac-certifikati li jkunu gew rekapitati lill-principal ghaliex jekk m’hemmx dettalji tal-assikurat (li jirrizultaw biss mic-certifikat) ma jigux fatturati;

- li ghalhekk il-hlas, skond il-fattura, kif inghad, jsir esklussivament fuq ic-certifikati li jkunu ghaddew ghand il-principal;

- li ghall-premia hu responsabbli l-agent ai termini tal-kuntratt bejniethom;

- li r-rendikont jirraprezenta s-somma attwalment dovuta fejn hu wkoll indikat il-kummissjoni dovuta;

- li tac-certifikati “unaccounted” u li gew sussegwentement intraccjati l-konvenut hallas separatament. Huma ma gewx inkluzi fil-lista li tirreferi ghall-ammont prezenzjalment mitlub kif ukoll ma gewx inkluzi dawk li taghhom ic-certifikat baqa’ ma nstabx.

Illi mill-provi rrizulta wkoll li l-konvenut kien hareg cekk ghall-ammont intier li pero’ ma kienx gie onorat mill-bank stante li, skond il-konvenut, kien gibed il-flus mill-kont. Sussegwentement il-konvenut offra lis-socjeta’ attrici Lm3500, ossija l-ammont li derhlu li kellu jhallas, li s-socjeta’ attrici rrifjutat. Il-konvenut ghalhekk ghadda biex jiddepozita l-ammont intier, cioe’ Lm5127, il-Qorti, liema ammont, nieqes Lm160 spejjez tac-cedola, ghadu depozitat. Din ic-cedola (esebita folio 131) hi fit-termini li l-ammont hu zbankabbli liberament fuq ricevuta ta’ pagament ghas-saldu u “bil-kundizzjoni li ssir d-debita verifika tal-ammont realment dovut skond il-ligi.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti l-konvenut m’ghandux ragun fl-asserzjonijiet tieghu. Ir-rendikont prezentat mill-atturi kien fic-cirkostanzi prova certa u univoka tal-ammont minnha mitlub. Kien jispetta lill-konvenut li juri liema ammonti ma kienux dovuti u ghalfejn, u/jew, liema minnhom kienu gja thalsu. Il-konvenut dan ma ghamlux. Mghoddi l-kont, li ghall-finijiet tar-relazzjoni ezistenti bejn il-partijiet, kien tali li seta’ facilment jigi diskuss u kritikat, il-konvenut flok ghadda ghall-impunjazzjoni tieghu, ghazel li jiddepozita l-ammont fil-Qorti bil-kundizzjoni li “ssir id-debita verifika tal-ammont realment dovut” liema verifika baqa’ ma ghamilhiex lanqas tul l-andament ta’ din il-kawza.

Illi kien jispetta lill-konvenut, fic-cirkostanzi, li jew jimpunja l-kont jew ghal ta’ l-anqas jipprova f’dawn il-proceduri l-inezattezza tieghu.

Illi in kwantu ghall-asserzzjonijiet l-ohra tieghu li ghandu jiehu xi ammont konsegwenza ta’ xi arrangament fuq insurance tal-muturi, apparti li ma tirrizultax, f’kull kaz, hija barra l-ambitu tal-kawza, jekk xejn, ghaliex mhux ammont cert, likwidu u dovut u l-ebda kompensazzjoni ma hi applikabbli.

Il-Qorti, ghalhekk, ser tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ it-talbiet tas-socjeta’ attrici u konsegwentement tikkundanna lill-

konvenuti jhallasha l-ammont mitlub ta' Lm5127.89 flimkiem mal-imghax dekoribbli mit-27 ta' April 2002 u bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru.

In kwantu ghac-cedola ta' depozitu (esebita folio 131) numru 91/2002 l-atturi huma awtorizzati jisbankaw inkondizzjonatament u bla pregudizzju ghall-ammont bilancjali li jibqa' dovut lilhom ai termini ta' din is-sentenza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------